**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Novembru 2001**

**Numru 8**

**Avviz numru 1325/01**

**Dilya Car Imports Limited**

**vs**

**George u Miriam konjugi Borg**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erba' mitt Lira Maltin (Lm400.00) rapprezentanti import ta' erba' (4) kambjali regolarment skaduti u dovuti, li baqghu ma thallsux mill-konvenuti, minkejja diversi interpellazzjonijiet lill-konvenuti maghmula.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Settembru 2001 u tal-Mandat ta' Qbid li gie prezentat mal-avviz tat-talba, u interessi

legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala relattiva sad-data tal-hlas effettiv.

Gew prezentati l-erba (4) kambjali meritu tal-kawza.

Sema' l-ammissjoni da parti tal-konvenut.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erba' mitt Lira Maltin (Lm400.00) rapprezentanti import ta' erba' (4) kambjali skaduti.  Bl-ispejjes.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**